MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Avviz Numru. 13/2009

Emanuel Schembri u martu Josephine Schembri
Għal kull interess li jista' jkollha. .

vs

Saviour sive Salvu Azzopardi.

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti jħallashom is-somma ta' ħdax-il elf u tnejn u għoxrin euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€ 11022.64c) rappreżentanti prezz ta' "Animal balanced feeds" u "Canary Seeds" lilu mibjugħa u konsenjati mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn oppona t-talba a bażi tal-preskrizzjoni ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili.

Rat in-nota tal-konvenut tal-25 ta’ Jannar 2012 fejn ammetta t-talbiet attriċi.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta’ Marzu 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu mingħand il-konvenut il-ħlas ta' ħdax-il elf u tnejn u għoxin euro u erbgħa u sitttin ċenteżmu (EUR11,022.64 rappreżentanti prezz ta’ “animal balanced feed” u canary seeds” mibjugħa u kkonsenjati lilu mill-atturi.

Bin-nota tiegħu tal-25 ta’ Jannar 2012 l-konvenut ammetta t-talba.
In vista ta’ din l-ammissjoni, l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta’ ħdax-il elf u tnejn u għoxrin euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (EUR11,022.64) rappreżentanti prezz ta’ “animal balanced feed” u “canary seeds” mibjugħa u kkonsenjati lilu mill-atturi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċċjali tal-5 ta’ Marzu 2009 u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta’ l-istess ittra uffiċċjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------